Seminarju tal-Qalb ta' Ġesu

Sem. Carl Scerri

każ morali dwar

# L-Insara iddivorzjati li qegħdin fit-tieni żwieġ

ippreżentat bħala parti
mir-rekwiżiti tal-kors
fis-sagrament taż-żwieġ

Għawdex
2014

# Indiċi

Introduzzjoni....................................................................................3

Il-pożizzjoni tal-Knisja dwar id-divorzju.............................................5

Is-soluzzjonijiet uffiċjali li tagħti l-Knisja...........................................8

Iddivorzjati Mgħammdin fit-tieni relazzjoni – spunti teoloġiċi..........................12

Id-divorzjati li qegħdin fit-tieni żwieġ u l-ammissjoni għas-sagramenti............17

Il-Knisja kif ħarset lejn l-adulteri matul iż-żmien?.............................................23

Il-prassi fil-Knisja Orjentali....................................................................29

Soluzzjonijiet Pastorali fil-preżent......................................................33

Konklużjoni...................................................................................................37

Biblijografija.................................................................................................40

*Joseph miżżewweġ bil-Knisja, iddivorzjat u jinsab miżżewweġ ċivilment. Huwa mar jitkellem mal-kappillan Dun Kalanġ biex jara kif il-Knisja tara l-pożizzjoni tiegħu u jistaqsih anke kif jaħseb li jinsab quddiem Alla. Is-saċerdot wieġbu li skond id-dixxiplina tal-Knisja hu qiegħed f'sitwazzjoni irregolari u jkun fi stat ta' adulterju jekk ikollu x'jaqsam mal-partner il-ġdida. Pero skond il-kuxjenza jista' jkun skużat quddiem Alla.*

## 1. Introduzzjoni

Filwaqt li l-familja tibqa' pedament fondamentali tas-soċjeta jidher ċar li f'dinja li qegħda tesperjenza kriżi antropoloġika, anke r-realta tal-familja ma baqgħetx intatta minn dawn il-kurrenti. Bla dubju it-tema tal-familja hija tema ħafna għal qalb il-Knisja, u kien għalhekk li f'Ottubru il-Papa sejjaħ sinodu straordinarju tal-Isfqijiet sabiex jitratta t-tema tal-familja.

L-iskop tas-sinodu kien li qabel xejn jara kif ikompli isaħħaħ l-istrutturi tal-familja imma wkoll li jevalwa kif il-Knisja għandha titratta s-sitwazzjoni ta' dawk ir-realtajiet familjari li esperjenzaw il-falliment jew li inkella jinsabu fi stat hekk imsejjaħ irregolari. Taħt din il-kappa bla dubju taqa' r-realta tal-insara ddivorzjati u li jinsabu msebħin fit-tieni żwieġ ċivili. Jidher li din hi problema attwali ħafna fis-soċjeta tal-punent u mhux b'inqas f'Malta fejn hawn 2,000 persuna li għandha d-divorzju u 16,000 li huma separati. X'inhi l-pożizzjoni tal-Knisja fil-konfront ta' dawn in-nies?

Rigward id-divorzjati li qegħdin fit-tieni żwieġ is-sinodu stqarr li *'the Church has the responsibility of helping them understand the divine pedagogy of grace in their lives and offering them assistance so they can reach the fullness of the God's plan for them'.*[1] Aktar 'l quddiem is-sinodu jżid jgħid:

> *acknowledging that separation and divorce are always wounds which causes deep suffering to the married couple and to their children, the synod fathers felt the urgent need to embark on a new pastoral course*

1 SINODU STRAORDINARJU TAL-ISFQIJIET DWAR IL-FAMILJA, Relatio Synodi *Pastoral Challenges to the Family in the Context of Evangelization* 25, (18 ta' Ottubru 2014) : http://press.vatican.va/content/salastampa/en/bollettino/pubblico/2014/10/18/0770/03044.html.

> *based on the present reality of weaknesses within the family, knowing oftentimes that couples are more "enduring" situations of suffering than freely choosing them*[2].

Huwa għalhekk l-iskop ta' dan ix-xogħol li joffri studju ta' kif il-Knisja tħares lejn dawk l-insara li jinsabu f'din is-sitwazzjoni. Minbarra ir-*Relatio Synodi,* dan ix-xogħol sejjer jikkonsidra anke l-argumenti teoloġiċi li saru preċedentament għas-sinodu kif ukoll it-tagħlim tradizzjonali tal-Knisja kif espress matul il-medda tas-snin fid-dokumenti uffiċċjali.

2 *Ibid.,* 45.

## 2. Il-pożizzjoni tal-Knisja dwar id-divorzju

Il-Knisja dejjem għallmet u saħħqet illi d-divorzju jmur kontra l-pjan t'Alla għal bniedem. Dan it-tagħlim huwa mibni kemm fuq il-liġi naturali, għaliex hija fin-natura taż-żwieġ innifsu li jkun indissolubi, imma wkoll fuq il-kliem ta' Kristu nnifsu. Fil-konfrontazzjoni li huwa kellu mal-Fariżej Ġesu jsostni li kien 'minħabba l-ebusija ta' qalbkom' li Mose kien ta l-possibilita tad-divorzju u b'riferiemt għal dak li hemm miktub fil-ktieb tal-Ġenesi, 'sa mill-bidu tal-ħolqien Alla għamilhom raġel u mara. Għalhekk mela raġel iħalli lil missieru u 'l ommu u jingħaqad ma' martu, u t-tnejn isiru ġisem wieħed. Għalhekk m'humiex iżjed tnejn, imma ġisem wieħed. Mela dak li għaqqad Alla ma għandux jifirdu l-bniedem'[3]. Ġesu mbagħad ikompli jżid 'Min jitlaq lil martu u jiżżewweġ oħra jkun ħati ta' adulterju kontra l-ewwel waħda; u jekk mara titlaq lil żewġha u tiżżewweġ ieħor tkun ħatja ta' adulterju'.[4]

It-tagħlim ta' Ġesu rigward id-divorzju huwa msemmi fil-Vanġeli sinottiċi kollha. Barra minn hekk anke San Pawl jippreżenta teoloġija matrimonjali b'mod partikolari fl-ewwel ittra lill-Korintin u fl-ittra lill-Efesin. 'Lil dawk li huma miżżewwġin nordnalhom, mhux jien, iżda l-Mulej, li l-mara ma għandhiex tħalli lil żewġha -jekk tiġi li tħallih, għandha tibqa' bla tiżżewweġ jew terġa' tagħmel paċi ma' żewġha - u r-raġel ma għandux jitlaq lil martu'[5] u 'Intom, l-irġiel, ħobbu n-nisa tagħkom, kif Kristu ħabb il-Knisja u ta ħajtu għaliha'[6].

3 Mk 10, 5-9; cf. Mt 19, 4-9; Lq 16, 18; Gen 2, 24.
4 Mk 10, 11-12.
5 1 Kor 7, 10-11.
6 Ef 5, 25.

Il-Knisja għalhekk tħares lejn iż-żwieġ bħala għaqda indissolubli li tikkonsisti f'komunjoni ta' ħajja u mħabba, ġisem u spirtu, bejn raġel u mara li jagħtu lilhom infushom lil xulxin bħala persuni. L-azzjoni personali u libera tal-kunsens iġġib fis-seħħ istituzzjoni divina u dejjiema li hija indirizzata lejn il-ġid komuni tal-koppja u tal-ulied.

Meta ż-żwieġ naturali huwa mgħolli għal grad ta' sagrament, permezz ta' żwieġ kanoniku bejn żewġ imgħammdin, l-indissolubilita taż-żwieġ tikseb sens ġdid u aktar profond: issir l-immaġni tal-imħabba dejjiema ta' Alla lejn il-poplu tiegħu u tal-fedelta ta' Kristu lejn il-Knisja tiegħu[7].

> *Kif darba Alla ltaqa' mal-poplu tiegħu bil-patt ta' mħabba u ta' fedelta, hekk is-Salvatur tal-bnedmin u l-Għarus tal-Knisja jiltaqa' mal-miżżewġin insara bis-sagrament taż-żwieġ. Jibqa' wkoll magħhom biex kif huwa ħabb il-Knisja u ta lilu nnifsu għaliha hekk ukoll il-miżżewġin jinħabbu bejniethom b'fedelta li ma tiġix nieqsa biilli jagħtu ruħhom lil xulxin.* [8]

L-eżortazzjoni Appostolika *Familiaris Consortio* tal-Papa Ġwanni Pawlu II tkompli żżid

> *in virtù della sacramentalità del loro matrimonio, gli sposi sono vincolati l'uno all'altra nella maniera più profondamente indissolubile. La loro reciproca appartenenza è la rappresentazione reale, per il tramite del segno sacramentale, del rapporto stesso di Cristo con la Chiesa.*[9]

Fid-dawl ta'dan, il-*Familiaris Consortio* żżid tgħid li l-istat u l-kundizzjoni tal-ħajja tad-divorzjati li qegħdin fit-tieni żwieġ *'contraddicono oggettivamente a quell'unione di amore tra Cristo e la Chiesa'.* Għalhekk fid-dawl tal-kliem ta' Kristu u dak li nsibu fil-ktieb tal-Ġenesi u anke fid-dawl tat-Tradizzjoni u r-riflessjoni teoloġika, il-Knisja żżomm li ż-żwieġ, b'mod partikolari dak

7 GERHARD LUDWIG MULLER, *Testimony to the power of grace. On the indissolubility of marriage and the debate concerning the civilly remarried and the sacraments,* f' ROBERT DODARO, *Marriage and communion in the Catholic Church,* San Francisco 2014, 153-154.

8 KONĊILJU VATIKAN II, Kostituzzjoni Patorali *Gaudium et Spes* 48, (7 ta' Diċembru 1965) : *Dokumenti tal-Konċilju Ekumeniku Vatikan II,* Malta 1982, 369.

9 ĠWANNI PAWLU II, Eżortazzjoni Appostolika *Familiaris Consortio* 8, (22 ta' Novembru 1981): *Enchiridion della famiglia e della vita,* Belt tal-Vatikan 2014, 1891.

sagramentali, huwa *eo facto* indissolubli u għalhekk l-insara divorzjati li jinsabu fit-tieni żwieġ qegħdin jgħixu f'sitwazzjoni li oġġettivament mhijiex skond il-pjan t'Alla u għalhekk hija ħażina.

## 3. Is-soluzzjonijet uffiċċjali li tagħti l-Knisja

Meta persuna diġa miżżewwġa bi żwieġ sagramentalment validu tidħol fit-tieni żwieġ (dan dejjem ta' natura ċivili), din *ipso facto* tidħol f'sitwazzjoni rregolari. X'inhuma s-soluzzjonijiet li toffri l-Knisja f'dawn is-sitwazzjonijiet? Qabel xejn il-Knisja dejjem tipprova tagħmel kull mezz sabiex issalva l-ewwel żwieġ, iżda dan mhux dejjem iġib miegħu suċċess. Naturalment anke jekk żwieġ ifalli dan jibqa' ontoloġikament indissolubli. F'din is-sitwazzjoni wieħed jista jipprova jara jekk qabel xejn kienx hemm il-kundizzjonijiet sabiex dan iż-żwieġ jiġi fis-seħħ u għalhekk wieħed jista' jibda kawża ta' nullita fit-tribunal Ekkleżjastiku. Fid-diskussjonijiet li kien hemm waqt u qabel is-sinodu kien hemm bosta li saħħqu[10] li l-parametri li fuqhom żwieġ jiġi ddikajarat null jistgħu jiġu mwessa aktar. B'mod partikulari bosta poġġew f'diskussjoni dak li jgħid il-Kanoni 1056 §2 tad-drittu Kanoniku illi kull żwieġ bejn żewġ imgħammdin huwa *eo facto* żwieġ sagrament. Ħafna staqsew x'għandha tkun ir-relazzjoni bejn il-fidi u s-sagrament taż-żwieġ? Il-Kardinal Scola jisħaq li

> *la rilevanza della fede in ordine alla validità del sacramento del matrimonio è uno dei temi che la condizione culturale attuale, sopratutto in Occidente, constringe a valutare con molta cura. Oggi, almeno in determinati contesti, non si può dare per scontato che i coniugi con la celebrazione delle nozze intendano fare quello che intende fare la Chiesa. Una mancanza di fede potrebbe oggi condurre a escludere i beni stessi del matrimonio. Se è vero che non è possibile giudicare ultimamente la fede di una persona, non si può però negare la necessità di un* minimum fidei *senza il quale il sacramento del*

10 Ma dawn ingħaqad anke l-Papa li waqqaf kummissjoni ta' esperti fid-drittu Kanoniku biex jevalwaw kif jistgħu jiġu mħaffa l-proċessi tad-dikjarazzjoni tan-nullita taż-żwiġijiet.

*matrimonio non è valido*[11].

Bla dubju ta' xejn dak li jgħid il-Kardinal Scola huwa ferm validu u għandu jiġi studjat, speċjalment fil-kuntest li fih ninsabu fejn għandna ħafna nies imgħammdin imma li tilfu l-fidi. Hawnhekk hija l-prassi tal-Knisja li tuża l-prinċipju tal-*praesumptio Iuris* fejn il-Knisja tissoponi li fil-koppja li qegħda tiżżewweġ hemm preżenti anke l-fidi, pero fiż-żminijiet preżenti spiss dan il-prinċipju tal-*preasumptio iuris* ikun aħjar jekk jissejjaħ *fictio iuris!*

X'aktarx fis-sitwazzjoni preżenti iżda jkun żbaljat jekk il-Knisja tfittex illi ssolvi din il-problema esklussivament billi twessa il-proċeduri tal-kawżi tal-annullament. Dan għaliex:

1. tista' tinħoloq l-impressjoni perikoluża illi l-Knisja qegħda tikkonċedi mhux iżjed annullamenti imma dawk li huma fir-realta divorzji. Għalhekk ikun hemm ir-riskju li ma tibqax ċara d-distinzjoni bejn dikjarazzjoni ta' nullita u divorzju[12].
2. Anke jekk jitwessgħu l-kriterji li fuqhom żwieġ jiġi ddikjarat null dan ikun qiegħed isolvi sempliċement parti mill-problema. Dan għaliex hemm kemm każijiet ta' żwiġijiet illi fuq livell ta' *foro esterno* ma jistax jiġi ppruvat li qatt ma kienu u kemm każijiet ta żwġiijiet li huma mija fil-mija validi imma li għal xi raġuni jew oħra ifallu. X'ser tkun ir-risposta tal-Knisja lejn dawn is-sitwazzjonijiet?

Dawk il-koppji li ma jistgħux jipprvuvaw li l-ewwel żwieġ kien null jew dawk li ġarrbu il-falliment taż-żwieġ u li jinsabu fit-tieni żwieġ, jistgħu jirregolarizzaw ruħhom billi jkunu

> *sineramente disposti ad una forma di vita non più in contraddizione con l'indissolubilità del matrimonio. Ciò comporta, in concreto, che quando l'uomo e la donna, per seri motivi – quali, ad esempio, l'educazione dei*

11 ANGELO SCOLA, *L'antropologia e l'eucaristia,* fir-*Regno* 16 (2014), 544.
12 WALTER KASPER, *Indirizz lill-Konċistorju* (20 ta' Frar 2014) : http://www.liturgia.it/matrimoniopub/kasper.pdf.

> *figli- non possono soddisfare l'obbligo della separazione, assumono l'impegno di vivere in piena continenza, cioè di astenersi dagli atti propri dei coniugi*[13].

Fi kliem ieħor il-Knisja tissuġġerixxi lil dawn il-persuni illi ġaladarba il-konvivenza ma tistax tiġi mwaqqfa, dawn għandhom jgħixu bħal aħwa – *tamquam frater et soror* u jastjenu minn kull attivita sesswali. Huwa biss f'din l-eventwalita li l-persuni jkunu jistgħu imbagħad jersqu lejn is-sagramenti. M'hemmx dubju iżda li din il-viżjoni hija problematika, għaliex

1. ma ssib l-ebda problema illi koppja għal kull apparenza tgħix flimkien bħala miżżewġin b'familja, bl-effetti kollha li dan iġib miegħu, imma basta li l-koppja ma tagħmilx atti konjugli/sesswali!!
2. din hi viżjoni limitata ħafna tal-bniedem u tas-sesswalita. Skond din il-viżjoni s-sesswalita mhix espressjoni tal-bniedem sħiħ għaliex ma jimpurtax jekk wieħed eżistenzjalment iħobb u jħossu 'ġisem wieħed' mal-persuna l-oħra imma l-importanti li ma jagħmilx l-att konjugali. Bla dubju l-antropoloġija Kristjana m'għandhiex tħaddan viżjoni daqshekk dejqa.
3. Barra minn hekk il-*Gaudium et Spes* tgħid li 'fejn imbagħad il-ħajja intima tal-miżżewġin tieqaf, il-fedelta ħafna drabi tista' tiġi fil-periklu, u l-ġid tal-ulied isofri.'[14] B'hekk l-istess prinċipju tal-Knisja qiegħed ipoġġi f'periklu ċar t-tieni żwieġ li ta' min jgħid li ċivilment huwa żwieġ validu. Anke jekk oġġettivament din is-sitwazzjoni hija ħażina m'hemmx dubju li hija għajn anke ta' ħafna tajjeb. Ir-riskju hu li b'dan il-prinċipju l-Knisja tkun qegħda tirriskja li twassal lill-persuni biex jgħixu mill-ġdid falliment ieħor fiż-żwieġ tagħhom. Ta' min jinnota li '*spesso dopo le esperienze amare del passato, queste relazioni fanno provare loro nuova gioia,*

13 *Familiaris Consortio* 84, 1982.
14 *Gaudium et Spes* 51, 372-373.

*addirittura talvolta vengono percepite come dono del cielo*'[15].

Hawnhekk wieħed għandu wkoll jagħmel riflessjoni fuq il-*potestas clavii* u l-privileġġ Pawlin. Fil-kuntest ta' żwieġ non-sagramentali bejn koppja fejn parti ma temminx, il-Knisja tippermeti li sabiex jiġi ppreservat 'is-sliem'[16] fil-fidi, anke jekk iż-żwieġ ta' dawk mhux mgħammda huwa ndirizzat lejn l-indissolubilita, '*under certain cirumstances – for the sake of a higher good – be dissolved*'[17]. Mela jekk għall-iskop ta' ġid ikbar il-Knisja tippermetti li żwieġ jista' ma jibqax indissolubli (privileġġ Pawlin), għaliex għall-iskop ta' ġid ikbar m'għandhiex il-Knisja tippermetti li it-tieni żwieġ jiġi mħares milli jitkisser?

Bl-ebda mod dawn l-argumenti ma jridu jaslu għall-konklużjoni li t-tieni żwieġ huwa oġġettivament tajjeb, imma li f'ċerti sitwazzjonijiet l-istabilita ta' dan l-istess żwieġ tista tkun '*a higher good*'; minħabba l-ġid tal-ulied u tal-koppja. Għalhekk il-Knisja trid issib modi oħra ta' kif terġa tressaq lill-koppja lejn il-kommunjoni magħha u ma Alla mingħajr ma tpoġġi f'periklu 'is-sliem' ta' dan it-tieni żwieġ, li għalkemm huwa oġġettivament ħażin, f'ċerti ċirkustanzi jista' jkun *a higher good.*

15 WALTER KASPER, *Indirizzo al concistorio.*
16 cf. 1 Kor 7, 15.
17 GERHARD MULLER, 151.

## 4. Iddivorzjati Mgħammdin fit-tieni relazzjoni – spunti teoloġiċi

Il-Knisja ma tistax tipproponi soluzzjoni li hija differenti jew kontra tal-kliem ta' Kristu. L-indissolubilita taż-żwieġ sagramentali u l-impossibilita ta' żwieġ ġdid matul il-ħajja tal-partner l-ieħor, jagħmlu parti mit-tradizzjoni tal-Knisja li ma tistax tiġi abbandunata f'isem komprensjoni żbaljata tal-*misericordia*. Pero il-Knisja għandha tagħmel riflessjoni teoloġika fuq x'inhi l-ħniena t'Alla.

Alla hu fidil u ħanin. Il-fedelta u l-ħniena jimxu pass pass. Minħabba il-fedelta mimlija ħniena ta' Alla ma hemmx sitwazzjoni umana li hija assolutament nieqsa mit-tama u minn kull soluzzjoni. Jaqa' kemm jaqa' fil-baxx, il-bniedem qatt ma jista' jitbiegħed mill-ħniena t'Alla[18].

F'dan id-dawl wieħed għandu anke jħares lejn il-kliem ta' Kristu dwar id-divorzju. Għalkemm Kristu tkellem b'mod ċar rigward id-divorzju, huwa dejjem wera ħniena lejn il-midneb. Anzi nistgħu ngħidu li Ġesu kien ifittex il-kumpanija tal-pubblikani u l-midinbin (Lq 5, 27-30). Huwa ġie biex isejjaħ mhux lill-ġusti imma lill-midinbin (Lq 5, 31-32). Għalhekk anke it-tagħlim ta' Ġesu dwar id-divorzju għandu jkun ikkunsidrat fil-kuntest tal-ministeru kollu ta' Ġesu. Żgur li Ġesu ma kellux il-ħsieb li jwaqqaf norma ġuridika imma '*un'etica ideale che il cristiano che aspira alla perfezione deve cercare di osservare pienamente*'[19]. Pero in-nisrani *in quanto* bniedem huwa suġġett għall-waqgħat, u bla dubju fejn hemm id-dnub hemm hemm ukoll il-grazzja u l-ħniena t'Alla.

---

18 WALTER KASPER, *Indirizzo al concistorio.*

19 N. VAN DEL WAL, *Aspetti dell'evoluzione storica nel diritto e nella dottrina. L'influenza del diritto profano sulla concezione ecclesiastica del matrimonio nell'oriente,* fil-*Concilium* 6/V (1970), 874.

Barra minn hekk il-morali Kattolika għandha t-tentazzjoni li dejjem tpoġġi lil dawk li jinsabu fit-tieni żwieġ, f'keffa waħda. Għal Knisja huwa ċar li dawk li jinsabu fit-tieni żwieġ jinsabu *ipso facto* fi stat ta' dnub u għalhekk mhumiex f'komunjoni mal-Knisja u ma jistgħux jissieħbu fis-sagramenti[20]. Mhijiex din viżjoni ġuridika li tħares esklussivament lejn l-aspett materjali (oġġettiv) u ma tikkunsidrax l-aspett formali (soġġettiv)? Effettivament ta' min jinnota li ħafna minn dawk id-divorzjati li qegħdin fit-tieni żwieġ u li jixtiequ joqorbu aktar lejn il-Knisja, ma humiex f'komunjoni sħiħa rigward il-prassi, iżda fuq livell formali jħossuhom parti mill-knisja. Għalhekk il-Knisja għandha wkoll tagħti każ tal-orjentament eżistenzjali tal-persuna aktar milli tieqaf esklussivament fuq l-atti singoli.

F'dan il-kuntest huwa daqstant ieħor riskjuż l-argument illi l-Knisja tħares lejn l-għaqda taż-żwieġ sagrament bħala '*a bond that is not primarily a moral bond, even if it is thought of as a promise made coram deum. It is the work of Christ in the Chruch and is thus unassailable*'[21]. Dan l-argument faċli jiżvaluta l-azzjoni umana u b'hekk l-att uman li hemm fiż-żwieġ. Iż-żwieġ ma huwiex biss ta' Alla imma wkoll tal-bniedem. Ma jistax ikun hemm il-grazzja tas-sagrament jekk qabel m'hemmx l-att uman fil-kunsens. Bħal kull att uman ieħor anke l-att taż-żwieġ huwa ankrat fiċ-ċirkustanzi u l-istorja u għalhekk importanti li l-Knisja tikkunsidra anke dawn.

Il-morali Kattolika dejjem aċċettat illi l-istorja tal-bniedem fiha ħafna sfumaturi u għalhekk dejjem tat każ tal-*grey areas.* Eżempju ċar huwa l-pożizzjoni tal-Knisja fuq l-omiċidju. Fid-diskors tal-muntanja Ġesu hu ħafna iebes rigwrd l-omiċidju 'Smajtu xi ntqal lin-nies ta' dari, 'La toqtolx.' Mela jekk xi ħadd joqtol ikun ħaqqu l-kundanna'[22]. Minkejja dan il-Knisja dejjem żammet illi anke f'każ

20 ANGELO SCOLA, 543.

21 CARLO CAFARRA, *Sacramental Ontology and the indissolubility,* in ROBERT DODARO, *Marriage and communion in the Catholic Church,* San Francisco 2014, 176.

22 Mt 5, 21.

ta' omiċidju, iċ-ċirkustanzi jistgħu inaqqsu jew ineħħu l-ħtija. Interessanti iżda li anke jekk il-kundanna ta' Ġesu dwar id-divorzju (Mt 5, 27) hi biss ftit linji l-isfel mill-kundanna kontra l-omiċidju, u minkejja l-fatt li Ġesu kien ċar dwar l-omiċidju daqs kemm kien dwar id-divorzju, l-morali Kattolika fl-interpretazzjoni tagħha tal-kliem ta' Ġesu dwar id-divorzju qatt ma kkunsidrat iċ-ċirkustanzi imma kkunsidrat esklussivament l-aspett oġġettiv[23].

Għalkemm l-indissolubilita taż-żwieġ tibqa' verita indiskussa, wieħed għandu dejjem joqgħod attent għaċ-ċirkustanzi, għaliex il-ħtija tal-persuna li tagħmel azzjoni oġġettivament ħażina, naturalment tiddependi anke miċ-ċirkustanzi.

Ta' min wieħed jagħmel anke riflessjoni dwar x'tifhem eżattament il-Knisja bit-terminu tal-indissolubilita? Tista' l-Knisja tgħid li l-indissolubilita tinsab fiż-żwieġ naturali ġaladarba f'ċertu ċirkustanzi din l-indissolubilita tiġi miksura (privileġġ Pawlin)?

Għalkemm hemm qbil li oġġettivament it-tieni żwieġ imur kontra t-tagħlim ta' Kristu, m'hemmx dubju li fost dawn ir-realtajiet hemm preżenti ħafna affarijiet tajba. Wieħed ma jistax ma jammettix illi bosta koppji fit-tieni żwieġ jirnexxielhom jgħixu ħafna valuri nsara b'mod tajjeb. Wieħed jista' jsemmi il-fedelta, l-imħabba, it-trażmissjoni tal-valuri nsara lill-ulied u ħafna aktar. Il-fatt li fost dawn il-koppji hemm il-preżenza ta' ħafna tajjeb ġie affermat anke fis-Sinodu. Kien hemm min ġab l-argument li kif fir-reliġjonijiet non-krisjtani hemm preżenti is-*semina verbi* anke fil-familji mibnija fuq żwieġ bejn l-iddivorzjati hemm il-preżenza tas-*semina verbi* u ta' dan huma xhieda il-ħafna valuri tajba li jiġu mħaddna f'dawn il-familja.

Hawnhekk ta' min wieħed jagħmel riferiment għal dak li jgħid Edward Schillebeeckx fil-konfront tal-ikla Ewkaristika tal-knejjes irriformati. Schillebeeckx jgħid li fl-ikla evanġelika hemm '*più di un valore religioso*

23 TIMOTHY BUCKLEY, *What binds marriage?*, London 1997, 38.

*puramente soggettivo. La cena evangelica, pur non essendo un sacramento valido, nemmeno parzialmente, è un'espressione quasi-sacramentale di un desiderio eucaristico esplicito, che, inoltre aspira implicitamente ai veri frutti dell'eucaristia cattolica'.*[24] Huwa jgħid li fl-ikla evanġelika hemm preżenti il-*vestigia ecclesiae* jiġifieri traċċi tal-Knisja vera. Dan l-argument ta' Schillebeeckx jista' jiġi applikat għas-sitwazzjoni taż-żwieġ tad-divorzjati. Għalkemm oġġettivament huwa ħażin u bla dubju ma jistax ikun sagrament, minħabba ix-xewqa espliċita li jista' jkun hemm fil-koppja li jgħixu il-valuri taż-żwieġ sagrament, jiġifieri l-fedelta, l-imħabba u l-edukazzjoni tal-ulied f'għaqda sħiħa ma Kristu, anke f'dawn ir-realtajiet jista' jkun hemm espressjonijiet quasi-sagramentali. Hekk kif fl-ewkaristija evanġelika hemm il-*vestigia ecclesiae*, nistgħu ngħidu li fir-realta taż-żwieġ tad-divorzjati hemm il-*vestigia matrimonii*, jiġifieri traċċi taż-żwieġ sagramentali veru.

L-istess Schillebeeckx fi ktieb ieħor meta jitkellem mir-realta taż-żwieġ fil-kuntest Lhudi jgħid li ż-żwieġ għalkemm kien essenzjalment profan, fih kien hemm anke il-barka – il-*berakah* – li tfisser '*che Dio era effettivamente presente tra coloro che intraprendevano un'attività profana per la sua gloria*'[25]. Anke iż-żwieġ bejn żewġ divorzjati huwa realta profana li qatt ma tista' tkun sagrament, imma jekk fil-kuntest ta' dan iż-żwieġ il-koppja jirnexxielha tgħix il-valuri li jagħtu glorja lil Alla, allura anke hemm tgħammar il-*berakah* ta' Alla.

Interessanti il-proposta li kien għamel Bernard Haring fil-konfront ta' dawk is-sitwazzjonijiet dubbjużi fejn il-koppja fuq livell ta' *foro esterno* ma tistax tipprova l-invalidita taż-żwieġ tagħha. Huwa jgħid li fejn hemm tieni żwieġ stabbli u li jiffunzjona, ma jagħmilx aktar sens li l-Knisja tagħtih il-*favor iuris,* milli tkompli tinsisti fuq l-ewwel żwieġ dubbjuż u *ormai* kompletament distrutt? B'dan il-mod il-Knisja ikun qiegħed jirnexxielha issib soluzzjoni fuq livell ta'

24 EDWARD SCHILLEBEECKX, *Cristo Sacramento dell'incontro con Dio,* Torino 1994, 192.
25 EDWARD SCHILLEBEECKX, *Il matrimono. Realta terrena e mistero di salvezza,* Roma 1980, 117.

*foro esterno* almenu għal dawk li għandhom motivi biżżejjed biex jiddubitaw mill-validita tal-ewwel żwieġ.[26]

L-iskop ta' dawn l-argumenti mhuwiex li wieħed jitbiegħed mit-tagħlim dwar l-indissolubilita imma li l-Knisja tagħmel tagħha 'l-hena u t-tama, in-niket u t-tħassib tal-bniedem tal-llum'[27] u tagħraf li r-realta tat-tieni żwieġ bejn mgħammdin iddivorzjati hija realta' ankrata fiċ-ċirkostanzi tal-ħajja u li hija għajn ta' ħafna tajjeb – u għalhekk tikkunsidra anke dawn il-fatturi. Ta' min jgħid li ħafna nsara li jinsabu fit-tieni żwieġ jammettu li t-tieni żwieġ tagħhom huwa oġġettivament ħażin u ma jippretendux li jinbidel it-tagħlim u l-prassi dwar l-indissolubilita, imma jixtiequ li jidħlu aktar f'komunjoni mal-knisja billi jiġu ammessi għas-sagramenti. X'inhi s-sitwazzjoni tad-divorzjati li jerġgħu jiżżewġu fil-konfront tas-sagramenti?

26 BERNARD HARING, *Assistenza Religiosa ai divorziati,* fil-*Concilium* 6/V (1970), 930.
27 *Gaudium et spes* 1, 331.

## 5. Id-divorzjati li qegħdin fit-tieni żwieġ u l-ammissjoni għas-sagramenti

Rigward l-ammissjoni tad-divorzjati li qegħdin fit-tieni żwieġ għas-sagramenti, b'mod paritkolari is-sagrament tal-Ewkaristija, il-Knisja hija pjuttost ċara:

> *la chiesa, tuttavia, ribadisce la sua prassi, fondata sulla Sacra Scrittura, di non ammettere alla comunione eucaristica i divorziati risposati. Sono essi a non poter esservi ammessi, dal momento che il loro stato e la loro condizione di vita contraddicono oggettivamente a quell'unione di amore tra Cristo e la Chiesa, significata e attuata dall'Eucaristia*[28].

Dan it-tagħlim jikkonfermah anke Benedittu XVI fl-Eżortazjzoni Appostolika *Sacramentum Caritatis* f'paragrafu 29. L-argument tal-Knisja għaliex ma taċċettax għat-tqarbin lid-divorzjati li qegħdin fit-tieni żwieġ huwa mibni fuq dak li jgħid San Pawl fl-ittra lill-Efesin. 'Intom, l-irġiel, ħobbu n-nisa tagħkom, kif Kristu ħabb il-Knisja u ta ħajtu għaliha....Għalhekk ir-raġel iħalli lil missieru u 'l ommu u jingħaqad ma' martu, u jsiru t-tnejn ġisem wieħed. Dan il-misteru - qiegħed ngħid għal Kristu u għall-Knisja - huwa kbir!'[29]. San Pawl juri kif iż-żwieġ nisrani huwa sinjal effettiv tal-għaqda bejn Kristu il-Knisja. Ġaladarba din l-għaqda bejn Kristu u l-Knisja tiġi espressa b'mod partikolari fl-Ewkaristija, id-divorzjati li qegħdin fit-tieni żwieġ ma jistgħux jieħdu sehem minn din l-Ewkaristija għaliex iż-żwieġ tagħhom li tkisser, ma għadux sinjal tal-għaqda dejjiema bejn Kristu u l-Knisja. Is-soluzzjoni li toffri l-Knisja hija li koppja tista' tersaq għall-Ewkaristija  jekk tindem mill-iżball tad-divorzju u t-tieni żwieġ u tgħix ħajja li ma tkunx f'kontradizzjoni mal-indissolubilita taż-żwieġ. Jekk għal

28 *Familiaris Consortio* 84, 1982.
29 Ef, 5, 25. 31-22.

xi raġuni t-tieni żwieġ ma jkunx jista' jiġi xolt, il-koppja għandha tgħix f'kontinenza. Pero kif intwera qabel, għalkemm min jagħżel illi jsegwi din il-prassi tal-Knisja jistħoqqlu kull ammirazzjoni, pero huwa ċar li jeżistu sitwazzjonijiet fejn koppji ma jistgħux ixolju t-tieni żwieġ mingħajr konsegwenzi li tagħhom ikunu ħatja. M'għandux hawnhekk ikun hawn riflessjoni fuq ir-relazzjoni bejn id-divorzjati li qegħdin fit-tieni żwieġ u s-sagramenti? *'Is not a further development possible with regard to our issue too – a development that does not repeal the binding faith tradition, but carries forward and deepens more recent traditions?'*[30]

Dak li tgħallem il-Knisja dwar l-għaqda bejn Kristu u l-Knisja fl-Ewkaristija huwa tabilħaqq minnu. Pero kif tgħid l-*Unitatis Redintegratio* il-parteċipazzjoni fl-Ewkaristija mhijex sinjal ta' għaqda u fl-istess ħin sinjal ta' grazzja[31]? Mhux kulħadd, kemm min jinsab f'sitwazzjoni regolari u anke rregolari għandu bżonn tal-Ewkaristija bħala mezz ta' grazzja? Mhuwiex għalhekk li qabel it-tqarbin il-ġemgħa tistqarr 'Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja, ħenn għalina'?

Lid-divorzjati li qegħdin fit-tieni żwieġ mhux permess it-tqarbin għaliex is-sitwazzjoni tagħhom hija f'kontradizzjoni tar-relazzjoni tal-indissolubilita taż-żwieġ mal-indissolubilita tal-għaqda bejn Kristu u l-Knisja. F'dan ir-rigward iżda ta' min wieħed jinnota dak li jgħid l-isqof ta' Antwerp Johan Bonny:

> *ci si può interrogare come l'indissolubilità del matrimonio tra uomo e donna e l'indissolubilità del legame tra Cristo e la sua Chiesa corrispondono tra di loro. La relazione di cui parla Paolo nella sua lettera agli Efesini non è un identificazione. Entrambe le indissolubilità non hanno lo stesso valore salvifico. Esse stanno in rapporto tra di loro come segno e significato. Chi è Cristo per noi e quanto ha fatto per noi va ben oltre la nostra vita umana ed ecclesiale. Nessun segno può raffigurare in maniera definittiva la realtà del suo patto d'amore con l'umanità e con la Chiesa. Persino il più bel riflesso dell'amore di Cristo*

30 WALTER KASPER, *The Gospel of the family,* New Jersey 2014, 27.

31 KONĊILJU VATIKAN II, digriet *Unitatis Redintegratio* (21 ta' Novembru 1964), 8 : *Dokumenti tal-Konċilju Ekumeniku Vatikan II,* Malta 1982, 124.

*è segnato dalla finitezza e dal peccato umano. La distanza tra segno e significato resta molto grande. Dall'indissolubilità del suo sacrifcio sulla croce e del suo amore per la Chiesa scaturisce la misericordia con cui egli torna incessantemente a incontrarci, anche nella celebrazione dell'eucaristia*[32]*.*

Fid-dawl ta' din is-sitwazzjoni kien hemm min issuġġerixxa li għalkemm id-divorzjati li qegħdin fit-tieni żwieġ ma jistgħux jersqu għat-tqarbin, huma jistgħu jagħmlu t-tqarbina spiritwali. Walter Kasper jinnota tajjeb iżda:

*the one who receives spiritual communion is one with Jesus Christ. How can he or she then be in contradiction to Christ's commandment? Why, then, can't he or she also receive sacramental communion? If we exclude divorced and remarried Christians, who are properly disposed, from the sacraments and refer them to the extrasacramental way of salvation, do we not then place the fundamental sacramental structure of the Chruch in question? Wherefore then the Church? Do we not then pay too high a price? Some argue that it is precisely nonparticipation in communion that demonstrates the sanctity of the sacrament. The counterqueistion is: Does that not exploit a human being, if we make him or her into a sign for others, when he or she cries for help? Are we going to let him or her starve sacramentaly so that others may live?*[33]

Bla dubju ta' xejn dak li jgħid il-Kardinal Kasper għandu jkun okkażżjoni ta' riflessjoni. F'dan id-dawl ta' dan, ta' min wieħed jistaqsi kif jista' jiġi irrikonċiljat il-fatt li d-divorzjati li qegħdin fit-tieni żwieġ ma jersqux għat-tqarbin mal-kliem ta' Ġesù, 'Tassew tassew ngħidilkom, jekk ma tiklux il-ġisem ta' Bin il-bniedem u ma tixorbux demmu, ma jkollkomx il-ħajja fikom'[34]?

Ta' min jgħid li l-Knisja ma taċċettax li l-koppji li qegħdin fi stat irregolari jersqu għat-tqarbin anke minħabba l-aspett tal-iskandlu[35]. Id-diffikulta dwar dan il-punt huwa li l-iskandlu huwa dejjem xi ħaġa relattiva u għalhekk diffiċli biex titkejjel. Barra minn hekk meta San Pawl fl-ittra lill-Korintin jgħid 'Qisu li l-

32 JOHAN BONNY, *Cosa mi aspetto dal Sinodo?*, fir-*Regno* 17 (2014), 547.
33 WALTER KASPER, *The Gospel of the family,* 30.
34 Ġw 6, 53.
35 cf. *Familiaris Consortio* 84, 1982.

libertà tagħkom ma tkunx ta' tfixkil għad-dgħajfa'[36], l-enfażi tiegħu hija pjuttost fuq id-djgħufija ta' dawk li jirċievu l-iskandlu milli fuq min huwa l-kawża tal-iskandlu. Ta' min jgħid illi din il-prassi tal-Knisja li minħabba l-iskandlu ma taċċettax lil dawn in-nies għat-tqarbin tista' minnha nnifisha ssir skandlu, għaliex il-Knisja tista' tidher li tkun f'kontradizzjoni mal-kliem mimlija ħniena u mħabba ta' Kristu.

Hawnhekk ta' min wieħed jintroduċi it-tema tas-sagrament tal-maħfra. Il-Knisja żżomm illi '*la riconciliazione nel sacramento della penitenza – può essere accordata solo a quelli che, pentiti di aver violato il segno dell'Alleanza e della fedeltà a Cristo, sono sinceramente disposti ad una forma di vita non più in contraddizione con l'indissolubilità del matrimonio*'[37]. Fi kliem ieħor dawk li jinsabu fit-tieni żwieġ u li għar-raġunijiet ovji ma jistgħux jinħallu minnu, ma jistgħux jirċievu l-assoluzzjoni, anke jekk juru indiema għall-iżball li għamlu. Dan għaliex sabiex tingħata l-assoluzzjoni jeħtieġ li jkun hemm mhux biss indiema imma wkoll determinazzjoni li tbiddel is-sitwazzjoni ħażina li tinsab fiha. Dan jimplika r-rieda illi wieħed iħalli warajh is-sitwazzjoni tad-dnub li jkun qed jgħix[38]. Dan il-prinċipju minnu innifsu huwa tajjeb, pero kif diġa ssemma qabel, bosta divorzjati li qegħdin fit-tieni żwieġ ma jistgħux b'responsabilita jinħallu mit-tieni rabta tagħhom. Allura dawn qatt ma jistgħu jirċievu maħfra għall-iżball tagħhom?

Ħafna jistaqsu ġaladarba anke dnub tant gravi bħal ma hu l-omiċidju jista' jiġi maħfur għalfejn min jinsab fl-adulterju ma jistax jikseb il-maħfra? Ta' min jinnota l-prassi li għandha l-Knisja, illi f'diversi każijiet meta l-penitent ma jkunx jista' jirrestitwixxi dak li jkun ħa (eżempju f'każ ta' serq jew omiċidju) tinstab restituzzjoni alternattiva u l-penitent jirċievi l-assoluzzjoni. Għaliex allura fil-każ

36 1 Kor 8, 9.

37 *Familiaris Consortio* 84, 1982.

38 VELASIO DE PAOLIS, *The divorced and civilly remarried,* in ROBERT DODARO, *Marriage and communion in the Catholic Church,* San Francisco 2014, 185.

ta' dawk l-adulteri niedma, li minħabba ġid ikbar ma jistgħux jinħallu mis-sitwazzjoni tat-tieni żwieġ, ma tinstabilhomx restituzzjoni alternattiva sabiex anke huma jkunu jistgħu jirċievu l-maħfra?

Ta' min wieħed iżomm f'moħħu anke ċerti prinċipji morali u pastorali li jsibu l-applikazzjoni tagħhom fil-kuntest tal-*foro interno* tal-qrar. Prinċipju li wieħed jista' japplika f'dan il-każ huwa l-prinċipju ta' Sant Alfons Maria de Liguori li jgħid illi fil-kuntest tal-qrar wieħed ma għandux jimponi esiġenzi partikolari meta jaf li jekk jagħmel dan minflok ma jdawwal il-kuxjenza aktar ikun qed iħawwadha u jxekkilha, bir-riskju li d-dnub materjali jsir anke dnub formali. '*In tutti quei casi in cui non sia assolutamente necessario per giustizia verso altri o per il bene comune, scuotere una coscienza evidentemente onesta, non si deve turbare la pace della coscienza nè porre per l'assoluzione condizioni soggettivamente impossibili.*'[39] Għalhekk dawn il-koppji li qed jgħixu fl-adulterju għandhom ikollhom aċċess għas-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni anke jekk probabilment, minkejja ir-rieda tajba u r-rimors li huma għandhom, qatt ma hu ser ikun possibli għalihom li jgħixu kompletament l-ideal mixtieq minnhom. Effettivament kull mixja penitenzjali tissuponi l-waqgħat u il-mixja penitenzjali tal-adulteri ma hijiex eċċezzjoni.

Il-Knisja għandha dejjem iżżomm f'moħħha l-awtorita li rċeviet mingħand il-Mulej sabiex tħoll u torbot (cf. Mt 16, 19; 18, 18; Ġw 20, 23) u tara li jirnexxielha tabilħaqq tatwalizzaha biex twassal il-maħfra ta' Alla lill-midneb. Ma hemmx dnub li l-Knisja ma tistax taħfer[40]. Fil-Kredu il-Knisja tistqarr *Credo in remissionem peccatorum* – dan ifisser li għal kull min jindem u jimpenja ruħu biex fejn possibli jaħrab id-dnub, hija dejjem possibli l-maħfra. Jekk il-maħfra hija possibli anke għall-qattiel, daqstant ieħor hija possibli għall-adulteru.

39 BERNARD HARING, *Assistenza Religiosa ai divorziati,* 928.
40 Sakemm ma jkunx id-dnub kontra l-Ispirtu s-Santu.

Hawnhekk ta' min isemmi dak li jgħid Bernard Haring

> *a mio avviso, quei cristiani di buona volontà, che sono veramente pentiti dei loro peccati e che fanno ciò che possono fare, non soltanto devono essere sciolti da eventuali scomuniche, ma anche essere riammessi ai sacramenti. La soluzione sacramentale deve far toccare a tutti con mano che 'Dio non pretende l'impossibile, ma ti comanda di fare ciò che puoi e di pregarlo per ciò che non puoi.'*[41]

Jidher li s-sinodu ikkunsidra bis-serjeta l-possibilita illi jagħti lill-adulteri taħt ċerti ċirkustanzi l-aċċess għas-sagramenti tal-Ewkaristija u r-Rikonċiljazzjoni (cf. n. 52), pero għad ma kien hemm l-ebda pronunċjament uffiċċjali fuq dan.

Naturalment wieħed irid iżomm f'moħħu li kull konverżjoni li twassal għar-Rikonċiljazzjoni iġġorr magħha il-penitenza. Ikun interessanti jekk wieħed janalizza kif mal-medda tas-snin il-Knisja għexet ir-relazzjoni bejn Adulterju, Penitenza u Rikonċiljazzjoni.

41 BERNARD HARING, *Assistenza Religiosa ai divorziati,* 925.

## 6. Il-Knisja kif ħarset lejn l-adulteri matul iż-żmien?

Jidher illi t-teoloġija dwar iż-żwieġ bħala sagrament bdiet tieħu forma aktar ċara mis-seklu XII 'l quddiem. Minkejja dan l-adulterju dejjem kien meqjus bħala dnub gravi ħafna fil-Knisja; dan iżda ma waqqafx lill-Knisja milli ssib anke modi penitenzjali kif terġa tintegra lil dawn il-midinbin lura fi ħdanha.

Fl-ewwel snin tal-istorja tagħha bosta membri tal-Knisja kienu qegħdin jaqgħu fir-riskju tal-apostasija. Waqt il-persekuzzjonijiet bosta nsara kienu jiċħdu l-magħmudija. Għal dawn il-*lapsi* il-Knisja żviluppat '*the canonical praxis of penance as a second baptism, not by means of water, but by means of the tears of repentance. After the shipwreck of sin, not a second ship, but a lifesaving plank should be made available to the drowning person*'[42]. Bħal ma kien hemm il-każijiet tal-insara apostati kien hemm anke l-każijiet ta' nsara li kienu jwettqu l-adulterju u jidħlu f'relazzjonijiet quasi-maritali ġodda. Għalkemm ir-risposta tal-ewwel Knisja jidher li ma kenitx uniformi jidher li f'xi knejjes lokali kien hemm il-prassi illi dawk l-insara li kienu qed jgħixu fit-tieni relazzjoni waqt illi l-ewwel partner kien għadu ħaj, wara żmien ta' penitenza kienu jirċievu *'a plank of salvation'* permezz tal-parteċipazzjoni fl-Ewkaristija[43][44]. Dwar din il-prassi Origene jikkummenta li hija *'not unreasonable'* u li f'ċertu

42 WALTER KASPER, *The Gospel of the family,* 30.

43 *Ibid.,* 31.

44 Ta' min jgħid li x'aktarx, saż-żmien ta' San Ġirolomu u Sant'Wistin, ir-raġel ta' mara adultera li jerġa jiżżewweġ jew il-mara li tiżżewweġ raġel li kien ħalla lill-ewwel mara tiegħu minħabba li kienet wettqet adulterju, ma kienux esklużi mill-Ewkaristija u ma kellhomx għalfejn jagħmlu żmien ta' penitenza. Cfr. GIOVANNI CERETI, *Divorzi, nuove nozze e penitenza nella chiesa primitiva,* Bologna 1977, 226.

każijiet tista' tagħmel sens[45]. Ta' min jinnota dak li jgħidu figuri oħra mportanti taż-żmien Patristiku. Ċirillu ta' Alessandrija rigward id-divorzju jgħid li '*non sono le lettere di divorzio che sciolgono il matrimonio di fronte a Dio, ma la cattiva condotta dell'uomo*'[46]. San Ġwann Kristostmu kien jirrikonoxxi illi l-adulterju huwa l-kawża tal-mewt reali taż-żwieġ. San Bażilju imbagħad meta kien jitkellem mis-sitwazzjoni tar-raġel li tħallieh il-mara, kien jirrikonoxxi li hu xorta waħda seta' jkun f'komunjoni mal-Knisja (it-test jippresupponi li r-raġel kien daħal fit-tieni żwieġ)[47]. Anke Sant Wistin illi ġeneralment kien ħafna riġidu dwar l-adulterju, f'kitba tiegħu jsostni li m'għandha tiġi eskluża l-ebda soluzzjoni pastorali. Huwa kien iżomm li wieħed ikun qed jagħmel dnub venjali jekk jerġa jiżżewweġ wara li jkun ġie abbandunat mill-mara minħabba adulterju[48]. Nistgħu ngħidu li minħabba l-kura pastorali li kellhom, sabiex jevitaw xi ħaġa agħar, dawn il-missirijiet kienu lesti li jittolleraw xi ħaġa li fiha nnifisha kienet inaċċettabbli. Jidher allura li kien hemm prassi pastorali li kienet tippromovi l-akkoljenza, t-tolleranza, il-klemenza u l-ħniena. Hemm bosta raġunijiet li juru li din il-prassi ġiet anke kkonfermata mill-konċilju ta' Niċea fis-sena 325 A.D.[49]

Fil-kanoni numru 8 tal-Konċilju ta' Niċea nsibu:

> *with respect to those who call themselves 'the Cathars' (i.e. the Novationists), the holy and great council decress that, when they wish to enter into the catholic and apostolic Church....it is fitting that they profess in writing to accept and follow the decrees of the catholic and apostolic Church, namely, to remain in communion with those who have been married twice and with those who have lapsed during persecution.*[50]

---

45 WALTER KASPER, *The Gospel of the family,* 31.

46 GIANCARLO PANI, *Matrimonio e seconde nozze al concilio di Trento,* fiċ-*Civilta Cattolica* IV (2014), 23.

47 *Ibid.,* 23.

48 *Ibid,* 22.

49 WALTER KASPER, *The Gospel of the family,* 31.

50 KONĊILJU TA' NIĊEA 8 : HEINRICH DENZINGER, *Enchiridion symbolorum,* San Franciso 2012, 52.

Dan il-kanoni minn dejjem kien magħruf imma ġeneralment b'dawk li 'huma miżżewġa darbtejn' il-Knisja kienet tifhem sempliċement romol li jerġgħu jiżżewġu. Fir-realta iżda is-sitwazzjoni tal-ewwel sekli ta' Kristjanita kienet ħafna komplessa – iċ-ċelebrazzjoni ekkleżjali taż-żwieġ fil-forma preżenti tagħha kienet għadha ma ġietx żviluppata u l-insara kienu jgħixu qalb il-pagani u l-Lhud li t-tnejn kienu jaċċettaw id-divorzju u t-tieni żwieġ. Interessanti li d-dokumenti li jeżistu dwar in-Novazjani juru li dawn kienu jeskludu mir-rikonċiljazzjoni lil dawk responsabbli ta' dnubiet gravi; jiġifieri l-apostasija u l-adulterju (kien hemm ukoll il-każ tal-omiċidju imma dan ftit kien preżenti fl-ewwel komunitajiet insara). Jidher li bit-terminu adulteri n-Novazjani kienu jifhmu l-adulteri skond kif definiti fil-Vanġelu – jiġifieri dawk li qegħdin ma' raġel jew mara li mhux tagħhom. Ma teżistix xhieda li tindika li b'adulteri n-Novazjani kienu jifhmu esklussivament ir-romol li jerġgħu jiżżewġu. Għalhekk il-kanoni 8 ta' Niċea jafferma b'mod ċar li kienet '*prassi della Chiesa Cattolica, e apostolica, ben conosciuta da tutti, il fatto che essa riammetteva nella comunità dopo il periodo di penitenza gli apostati nella persecuzione e coloro che vivono in un secondo matrimonio e cioè in linea generale soparattutto, anche se forse non esclusivamente, i divorziati risposati*'[51].

Ta min jgħid li kienet il-liġi ċivili li kellha kompetenza esklussiva f'dak li għandu x'jaqsam maż-żwieġ u għalhekk l-insara kienu suġġetti huma wkoll għal din l-istess liġi. X'kien jiġri meta din il-liġi kienet tikkuntrasta mal-pożizzjoni tal-Vanġelu? Nistgħu ngħidu li l-Knisja fl-epoka ta' Nicea kienet quddiem l-istess sitwazzjoni li għandha l-Knisja llum. Jiġifieri li

> *I cristiani seguivano il diritto civile anche nella costituzione dei loro martimoni e sia pure disobbedendo alle esigenza dell'evangelo, ricorrevano allo stesso diritto civile per i loro divorzi e per passare a un*

51 GIOVANNI CERETI, *Il Vangelo della famiglia. La relazione Kasper e il dibattito sulla comunione ai divorziati risposti,* fir-*Regno* 16 (2014), 150.

*nuovo matrimonio; essi non pensavano neppure che fosse possibile tornare indietro alla prima unione, una volta che la sua distruzione era stata sancita secondo i costumi sociali e le norme giuridiche. Essi (la chiesa) consideravano coloro che vivevano in un nuovo matrimonio come dei peccatori, che tuttavia al termine di un certo periodo di penitenza potevano essere riammessi alla comunione ecclesiale pur restando nella loro nuovoa situazione.*[52]

Fi ftit kliem dak li jgħid il-Konċilju ta' Niċea huwa sempliċi; ma hemmx dnub li l-Knisja ma tistax taħfer. Il-Knisja għandha tabilħaqq il-poter li taħfer id-dnubiet kollha inkluż id-dnub gravissimu tal-adulterju hekk kif definit minn Ġesu nnifsu fil-vanġelu.

Ta' min hawn wieħed isemmi l-prinċipju tal-*oikonomia* li jħaddnu l-Knejjes tal-orjent. Interessanti, illi wara s-seklu VI, l-orjentali marru lill-hinn minn pożizzjoni ta' tolleranza u ħniena u bdew jaċċettaw kriterji ġodda għat-tieni żwieġ – barra l-mewt fiżika huma jikkonsidraw anke l-mewt morali ta' żwieġ bħala raġuni suffiċċjenti biex ikun hemm it-tieni żwieġ. Fi kliem ieħor il-knisja orjentali għalkemm iżżomm il-permanenza taż-żwieġ sagrament, hija tbierek it-tieni u t-tielet żwieġ. It-tema taż-żwieġ fil-knisja orjentali ser jiġi diskuss aktar 'l quddiem. Huwa interessanti iżda dak li seħħ fil-Konċilju ta' Trentu b'mod partikulari fil-proċess tal-formulazzjoni tad-digriet *Tametsi.*[53]

Fl-20 ta' Lulju il-Padres konċiljari riedu japprovaw il-kanoni numru 6 li aktar 'l quddiem sar numru 7. Dan kien jgħid:

*sia anatema chi dice che il matrimonio si può sciogliere per l'adulterio dell'altro coniuge, e che ad ambedue i conigui o almeno a quello innocente, che non ha causato l'adulterio, sia lecito contrarre nuove nozze, e non commette adulterio chi si risposa dopo aver ripudiato la donna adultera, nè la donna che, ripudiato, l'uomo adultero, ne sposi un altro.*[54]

52 GIOVANNI CERETI, *Divorzi, nuove nozze e penitenza nella chiesa primitiva,* 358.
53 Dan hu d-digriet li jintroduċi l-forma kanonika bħala parti essenzjali fis-sagrament taż-żwieġ.
54 GIANCARLO PANI, 21-22.

B'rispons għal dan il-kanoni il-konċilju irċieva rikjesta mingħand l-ambaxxaturi venezjani sabiex jiġi mmodifikat il-kanoni sabiex l-orjentali li kellhom il-konswetudni li f'każ ta' adulterju, jxolju ż-żwieġ u jerġgħu jiżżewġu, ma jiġux skomunikati. Ir-rikjesta tagħmel riferiment għar-rit antikissimu tal-Padres orjentali li kien ibierek iċ-ċelebrazzjoni tat-tieni żwieġ u talludi anke għal fatt li din il-prassi orjentali qatt ma ġiet ikkundannata mill-ebda konċilju.[55]

Fid-dawl ta' din it-talba u wara varji diskussjonijiet, dan il-kanoni ġie rriformulat hekk:

> *se qualcuno dirà che la Chiesa sbaglia quando ha insegnato e insegna, secondo la dottrina del Vangelo e degli apostoli, che il vincolo del matrimonio non può essere sciolto per l'adulterio di uno dei conigui; che nessuno dei due, nemmeno l'innocente, che non ha dato motivo all'adulterio, può contrarre un altro matrimonio, vivente l'altro coniuge; che commette adulterio il marito che, cacciata l'adultera,ne sposi un'altra, e la moglie che, cacciato l'adultero, ne sposi un altro, sia anatema.*[56]

Din il-formulazzjoni hija magħmula b'għaqal kbir għaliex filwaqt illi tikkundanna d-duttrina ta' Luteru li kien isostni li la l-Papa u la l-Isfqijiet ma kienu kompetenti f'materja ta' żwieġ, ma tikkundannax il-prassi tal-orjentali. Ta' min wieħed jinnota li b'differenza tal-ewwel stesura insibu issa '*il vincolo del matrimonio*'. Għalhekk '*Il canone tratta solo della indissolubilità interna del matrimonio, cioè del fatto che il matrimonio non si scioglie ipso facto, nè per l'adulterio di uno dei coniugi, e nemmeno quando i coniugi decidono in merito a questo, secondo la propria conscienza*'.[57] Interessanti li dan il-kanoni jitratta biss l-indissolubilita interna taż-żwieġ, jiġifieri li ż-żwieġ ma jiġix xolt *ipso facto* minħabba adulterju, jew skond kif kien jgħid Luteru b'sempliċi deċiżjoni tal-koppja skond il-kuxjenza tagħhom. Il-konċilju ma jitkellemx fuq l-

---

55 *Ibid.*, 23.
56 KONĊILJU TA' TRENTU, digriet *Tematsi* 6, f'*Ibid.*, 29-30.
57 *Ibid.*, 30.

ipotesi jekk il-Knisja stess tistax tiddikjara divorzju. Dan m'għamlux għax hekk kien jidħol fil-kwistjoni tal-indissolubilita esterna taż-żwieġ u b'hekk kien ikollu jikkundanna il-knisja orjentali[58].

B'dan il-mod il-kanoni jħares il-prassi tal-orjenali, li filwaqt li jaffermaw l-indissolubilita tal-ewwel żwieġ, iżommu li ma hijiex il-koppja li tiddeċiedi personalment dwar ir-rabta taż-żwieġ tagħha, imma wara dixxerniment minn naħa tal-Knisja flimkien ma proċess penitenzjali, il-Knisja tikkonsenti għat-tieni żwieġ[59].

*'Il contenuto di questo canone è chiaramente il contenuto del docuit et docet, ossia, dal contesto, la dottrina dei sacri canones, della tradizione giuridca esistente nella chiesa occidentale.'*[60]

Bla dubju xejn kemm din il-pożizzjoni ta' Trentu imma anke l-pożizzjonijiet li ssemmew qabel mhumiex irrilevanti fil-kuntest ta' kif il-Knisja għandha tħares lejn is-sitwazzjoni ta' dawk li jinsabu f'adulterju.

Bħal f'ħafna sitwazzjonijiet l-istoriċi jpoġġu f'diskussjoni ċerti dettalji storiċi tal-eżempji hawn fuq imsemmija. Naturalment il-Knisja ma għandhiex tassolutizza dawn l-eżempji u teħodhom bħala norma, pero bla dubju huwa ċar illi l-Knisja matul l-istorja tagħha kontinwament pruvat issib soluzzjoni li ma tisseparax il-ħniena u l-ġustizzja minn xulxin – triq li la hija rigorista u lanqas laxka imma sempliċement tajba.

58 PIET FRANSEN, *Divorzio in seguito ad adulterio nel concilio di Trento,* fil-*Concilium* 6/V (1970), 891.
59 GIANCARLO PANI, 30.
60 PIET FRANSEN, 893.

## 7. Il-prassi fil-Knisja Orjentali

In-nisrani, bħal kull bniedem ieħor huwa miftuħ għall-falliment, u naturalment anke n-nisrani jista' jfalli fiż-żwieġ tiegħu u jaqa' fl-iżball li jidħol fit-tieni rabta. Pero għall-Knisja tal-bidu, dan id-dnub bħal kull dnub ieħor ma kienx eskluż mill-ħniena t'Alla u għalhekk kienet tagħti l-assoluzzjoni. Dan ifisser li l-Knisja kienet tapplika il-ħniena t'Alla u kienet iżżomm f'moħħha il-fraġilita u l-*peccaminosita* tal-bniedem. Din id-dimensjoni tal-ħniena baqgħet preżenti fit-tradizzjoni orjentali taħt l-isem ta' *oikonomia.* B'*oikonomia* l-orjentali jifhmu mudell pastorli mibni fuq l-imħabba tal-Missier lejn l-ulied, imħaddan mill-amministratur (*oikonomos*) tal-Knisja li bil-ħniena tiegħu jinkarna l-ispirtu tal-veru Ragħaj it-Tajjeb[61].

Għalhekk il-Knisja orjentali minkejja li tirrikonoxxi l-indissolubilita taż-żwieġ għaliex huwa l-ikona tal-għaqda bejn Kristu u l-Knisja, fil-prassi pastorali tagħha hija *va incontro* tal-problemi tal-miżżewġin li qegħdin jgħixu f'sitwzzjonijiet matrimonjali irrekuperabli. Jidher li sa mis-seklu VI daħlet il-prassi li tiġi applikata b'mod uffiċċjali *l-oikonomia* għal dawk iż-żwiġijiet li jkunu fallew. Wara li jkun hemm dixxerniment minn naħa tal-Isqof u wara żmien ta' penitenza, il-koppja li tkun qegħda fit-tieni żwieġ tkun tista' tiġi irrikonċiljata, jiġi ddikjarat validu t-tieni żwieġ u jiġu riammessi għat-tqarbin. Ġeneralment it-tieni żwieġ jiġi konċess mill-Isqof lil min ma jkunx responsabbli personalment għall-falliment tal-ewwel żwieġ, u dan wara proċess kanoniku jew ċivili u

61 BERNARD HARING, *Pastorale dei divorziati,* Bologna 2013, 51-63.

almenu żmien ta' sena minn meta tkun intemmet il-konvivenza preċedenti. Ta' min isemmi li l-Knisja Orjentali ma taċċettax ir-raba' żwieġ u dan għaliex skond San Girgor Nazanzjenu, l-ewwel żwieġ huwa leċitu, it-tieni huwa tollerat, it-tielet huwa illegali, r-raba u l-bqija huwa użanza tal-ħnieżer[62].

Wieħed irid jifhem li l-barka li ssir fuq it-tieni żwieġ hija ta' natura penitenzjali. Fiha ma hemmx it-ton u l-kliem festiv li nsibu fir-rit tal-ewwel żwieġ. Il-barka u t-talb li jsir ma humiex invokazzjonijiet ta' prosperita imma talb ta' maħfra. L-eżempji bibliċi li jissemmew f'din it-talba mhumiex dawk tal-koppji mbierka li nsibu fl-Iskrittura imma eżempji ta' midinbin li nsibu fil-kotba Mqaddsa[63].

L-aktar żewġ talbiet antiki li jintużaw għat-tberik tat-tieni żwieġ huma mibnija fuq it-tagħlim ta' San Pawl dwar it-tieni żwieġ, b'mod partikolari dak li nsibu f' 1 Kor 7, 9: 'Jekk imbagħad ma jifilħux jaħkmu lilhom infushom, ħalli jiżżewwġu; aħjar wieħed jiżżewweġ milli jinħaraq bil-passjoni'.

Skond San Pawl, kif interpretat mill-Knisja orjentali, il-bniedem għandu tliet possibilitajiet etiċi. L-aħjar azzjoni u l-aktar vantaġġjuża għan-nisrani hija li dan ma jiżżewwiġx jew ma jerġax jiżżewweġ. L-azzjoni midinba li wieħed għandu asoslutament jevita hija l-fornikazzjoni. Bejn l-aħjar azzjoni u l-azzjoni ħażina hemm l-azzjoni mhux ħażina, li għalkemm ma tpoġġix fis-seħħ l-aħjar possibilita, tibqa' xorta azzjoni tajba. Din it-tielet possibilita hija li wieħed jiżżewweġ - aħjar wieħed jiżżewweġ milli jinħaraq bil-passjoni.

> *La scelta di sposarsi non è intesa da Paolo come minor male, dal momento che lo sposarsi non ha in sè alcun male, non è un male tollerato. Tale scelta è invece il minor bene o il semplicemente buono, che l'apostolo ordina quando sembra supporrere l'inevitabilità del peccato nel caso del perseguimento del meglio*[64]

Fi kliem ieħor il-Knisja orjentali tammetti li t-tieni ż-żwieġ ma huwiex l-ideal

62 GIANCARLO PANI, 30.
63 ANDREA PALMIERI, *Il rito per le seconde nozze nella Chiesa greco-ortodossa,* Bari 2007, 111.
64 *Ibid.*, 75.

imma ta' l-inqas jevita sitwazzjonijiet ħafna agħar. Skond Oriġene it-tieni żwieġ '*prospetta una conciliazione tra l'esigenza della perfezione del principio, che va riconosciuta e sostenuta, e la concessione alla debolezza e fragilità attraverso forme di regolazione dell'umano che siano possibili senza eccessivo carico*'[65]. Għalhekk sabiex jiġu evitati dnubiet ikbar jiġifieri l-fornikazzjoni, il-Knisja orjentali b'fedelta lejn dak li jgħid Pawlu, taċċetta li wieħed jidħol fit-tieni żwieġ.

Din il-prassi li tħaddan il-Knisja orjentali ma hijiex nuqqas fl-applikazzjoni tan-norma jew l-għażla tal-*male minore*. Ir-rit tat-tieni żwieġ irid joffri possibilita oħra lil dawk li wara l-ewwel żwieġ ma jirnexxielhomx ikunu fidili għall-ideal monogamiku u minħabba l-forza tar-realta, immarkata bid-dnub, huma esposti għar-riskju tal-fornikazzjoni. Il-Knisja ma tittollerax il-ħażin, imma lanqas tippretendi minn kulħadd l-ideal għaliex tkun qed taggrava aktar ir-realta. Minflok hi tipprova tgħin lill-bniedem jilħaq it-tajjeb possibbli. Għall-Knisja orjentali it-tieni żwieġ huwa xi ħaġa tajba għaliex jagħti lill-individwu ċ-ċans li jkollu relazzjoni unika u stabbli li hi l-aktar sitwazzjoni li toqrob lejn l-ideal.

Filwaqt illi l-Knisja oċċidentali taħli ħafna enerġija f'diskussjonijiet dwar l-indissolubilita u l-validita taż-żwieġ sabiex tkun tista' toqrob lejn ir-realta tad-divorazjati li jixtiequ jerġgħu jiżżewġu, il-Knisja orjentali, li hi wkoll iżżomm l-indissolubilita taż-żwieġ, quddiem dan il-fenomenu ma tagħżilx it-triq ġuridika imma sempliċement għandha rit li jippermetti it-tieni żwieġ. Naturalment il-Knisja Kattolika ma għandhiex tabbanduna s-sistema matrimonjali tagħha imma fl-istess ħin, fuq l-eżempju tal-Knisja orjentali, għandha tkun kapaċi aktar tintegra flimkien l-ideal u r-realta. Ir-risposta tal-Knisja orjentali quddiem il-fenomenu tad-divorzjati li qegħdin fit-tieni relazzjoni

> *non consiste nella difesa di un ideale astratto dalla realtà e nemmeno nella resa incondizionata di fronte alla realtà. La Chiesa ortodossa non*

65 ORIĠENE, f'BASILIO PETRA, *Divorzio e seconde nozze nella tradizione Greca,* Roma 2000, 37.

*rinuncia a cercare di trasformare la realtà secondo la misura dell'ideale, ma non lo fa imponendo in ogni modo l'ideale alla realtà, bensì accompagnando con tutti i mezzi a sua disposizione il lento cammino della realtà verso l'ideale. Concedendo una nuova possibilità a chi si sposa per una seconda volta la Chiesa ortodossa non intende abbassare l'ideale all'altezza di chi è più debole, ma vuole offrire un'opportunità di continuare a tendere verso l'ideale anche a chi ha dimostrato attraverso i propri fallimenti di essere irriversibilmente non in grado di raggiungere l'ideale. Essa infatti è consapevole che il matrimonio, come ogni esperienza cristiana, è in bilico tra il già e il non ancora. Tra l'ideale e il reale, tra la vita nuova donata in Cristo e la condizione di peccato ereditata da Adamo.*[66]

Wieħed ma għandux jieħu l-impressjoni li s-sistema orjentali fit-totalita tagħha hija s-soluzzjoni. Din il-prassi ma hijiex identika fil-Knejjes orjentali kollha u hija prassi li bla dubju fiha ċerta lakuni. Wieħed ikun qiegħed jigdeb jekk jiċħad iżda li l-*oikonomia* tista' tkun ta' għajnuna fil-mod ta' kif il-Knisja oċċidentali tħares lejn dawk li fallew.

Bernard Haring jgħid illi l-*oikonomia* tista' tiġi mqabbla mal-prinċipju tal-*Epikea,* iżda filwaqt illi din tal-aħħar hija kkollegata mal-ekwita ġuridika, l-*oikonomia* għandha sinifikat purament teoloġiku u għalhekk ma hijiex kategorija ġuridika[67]. Minħabba f'hekk hawn min jargumenta li din il-prassi qatt ma tistax tiġi ntrodotta fil-Knisja oċċidentali minħabba li tekwipara l-*foro esterno* mal-*foro interno.* Dan x'aktarx huwa minnu u huwa diffiċli li din il-kategorija teoloġika tiġi ntrodotta fil-*foro esterno* li huwa ggwidat mill-liġi u d-dritt. Pero bla dubju, il-prinċipju tal-oikonomia jista' jkun ta' dawl u għajnuna fl-akkumpanjament li jsir fuq livell ta' *foro interno.*

66 ANDREA PALMIERI, 150.
67 BERNARD HARING, f'*Ibid.*, 136.

## 8. Soluzzjonijiet Pastorali fil-preżent

Fuq livell ta' *foro esterno* il-Knisja Kattolika toffri biss dawk is-soluzzjonijiet li ssemmew qabel. Pero x'tista' tkun is-soluzzjoni fil-preżent għal dawk illi jinsabu fi stat irregolari u li għalihom ma hemmx soluzzjoni fuq livell ta' *foro esterno*? Is-soluzzjoni tista' tinstab fil-*foro interno*. Fil-11 ta' April 1973, il-Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi kienet ħarġet nota li tgħid li l-Isfqijiet '*are asked to take special care to seek out those who are living in an irregular union by applying to the solution of such cases, in addition to other rightful means, the Church's approved practice in the internal forum*[68]'[69]. Anke il-Papa Ġwanni Pawlu II kien wera apertura fuq dan meta fil-*Familiaris Consortio* jgħid '*Sappiano i pastori che, per amore della verità, sono obbligati a ben discernere le situazioni*'[70].

Il-Kardinal Ratzinger kien iżda qal li hija '*an inherent contradiction of resolving something in the internal forum which by nature also pertains to and has such important consequences for the eternal forum*'. Dan li jgħid Ratzinger iżda huwa biss parzjalment minnu. Dan għaliex il-*foro esterno* huwa posterjuri għall-*foro interno*. L-azzjoni li ssir fuq livell estern hija dejjem frott deċiżjoni fuq livell intern. B'hekk m'hemmx dubju li l-*foro interno* hu superjuri u preċedenti għal dak estern u mhux viċi versa. Barra minn hekk il-każijiet li qegħdin jiġu trattati

68 TIMOTHY BUCKLEY, 127.

69 cf. Canon 130 – *Of itself the power of governance is exercied for the external forum; sometimes however it is exercised for the internal forum only, but in such a way that the effects which its exercise is designed to have in the external forum are not acknowledged in that forum, except in so far as the law prescribes this for determinate cases.*

70 *Familiaris Consortio* 84, 1982.

ma jistgħux jiġu elaborati fuq livell ta' *foro esterno,* mhux għaliex m'hemmx ix-xewqa mill-partijiet ikkonċernati imma għaliex sfortunatament il-liġi u n-norma ma jagħtux lok għal dan. B'hekk il-problema tinstab pjuttost fil-limitazzjonijiet li tagħti il-liġi.

Anke jekk sussegwentament il-Knisja uriet it-tħassib tagħha dwar l-użu tal-*foro interno*, jidher li din baqgħet prassi fil-Knisja oċċidentali. Jidher li hija prassi komuni illi f'każijiet speċjalment fejn il-koppja fil-kuxjenza tagħha temmen illi ż-żwieġ tagħha kien null imma li sfortunatament dan ma jistax jiġi ppruvat fuq livell ta' foro esterno, qiegħed jiġi applikat il-prinċipju tal-*Epikea* u l-*Ekwita* tal-liġi. F'dawn is-sitwzzjonijiet billi l-liġi hija insuffiċċjenti, wara proċess ta' akkumpanjament, ġeneralment id-deċiżjoni titħalla f'idejn il-kuxjenza tal-koppja sabiex jiddeċiedu kif jgħixu r-relazzjoni tagħhom mal-Knisja.

Fid-dawl tal-aħħar żviluppi, anke fid-dawl tas-sinodu, din il-prassi tista' tiġi mwessa u fuq livell ta' *foro interno* jiġi applikat mhux biss il-prinċipju tal-*epikea* imma anke dak tal-*oikonomia.* B'hekk f'kuntest ta' akkumpanjament, il-koppja tasal biex tagħraf li għalkemm qegħda f'sitwazzjoni oġġettivament ħażina, xejn ma jista' jifriedha mill-imħabba u l-ħniena ta' Alla u wara żmien ta' penitenza, tiddeċiedi hi fil-kuxjenza kif għandha tgħix ir-relazzjoni tagħha mal-Knisja. B'dan il-mod il-*foro interno* ma jibqax biss soluzzjoni għal dawk li l-ewwel żwieġ tagħhom kien null u li ma jistax jiġi ppruvat fil-*foro esterno*, imma anke għal dawk li għal xi raġuni jew oħra iż-żwieġ falla u qegħdin fit-tieni relazzjoni.

Bħala gwida għal dan il-proċess wieħed jista' jikkunsidra dawk il-kriterji li kienu maħruġa fl-1993 minn tliet isfqijet Ġermaniżi, fosthom il-Kardinal Kasper, dwar l-ammissjoni tad-divorzjati li qegħdin fit-tieni żwieġ għas-sagrament tal-Ewkaristija. Dawn il-kriterji huma:

1. *when there is serious failure involved in the collapse of the first marriage, responsibility for it must be acknowledged and repented.*
2. *It must be convincingly established that a return to the first partner is*

*really impossible and that with the best will the first marriage cannot be restored.*

3. *Restitution must be made for wrongs committed and injuries done insofar as this is possible*
4. *in the first place this restitution includes fulfillment of obligations to the wife and children of the first marriage (cf. Code of Canon Law, Canonon 1071, 1.3).*
5. *whether or not a partner broke his or her first marriage under great public attention and possibly even scandal should be taken into consideration.*
6. *The second marital partnership must have proved itself over a long period of itme to represent a decisive and also publicly recognizable will to live permanently together and also according to the demands of marriage as a moral reality.*
7. *Whether or not fidelity to the second relationship has become a moral obligation with regard to the spouse and children should be examined.*
8. *It ought to be sufficiently clear – though certainly not to any greater extent that with other Christians – that the partners seek truly to live according to the Christian faith and with true motives i.e. moved by geniunely religious desires, to participate in the sacramental life of the church. The same holds true in the children's upbringing.*[71]

Naturalment dan il-proċess irid ikun akkumpanjat ukoll minn żmien ta' penitenza. Din il-penitenza tista' tieħu anke l-forma ta' katekumenat. Kif il-*lapsi* u l-adulteri fl-ewwel żminijiet kienu jerġgħu jagħmlu żmien ta' katekumenat u penitenza biex jerġgħu jiġu riammessi fil-Knisja, anke illum il-Knisja tista' ssib forma oħra ta' katekumenat, eżempju l-RCIA jew il-komunitajiet Ewkaristiċi, sabiex f'kuntest ta' penitenza terġa tressaq lil dawn l-individwi għall-komunjoni sħiħa ma Alla u l-Knisja.

Ta' min wieħed jinnota l-importanza li għandha tingħata lill-kuxjenza f'dan il-proċess. Fid-dawl ta' dak li tgħid il-*Gaudium et spes* (n. 50) dwar il-kuxjenza, l-Isfqijiet tal-Belġju fl-1968 kienu ħarġu stqarrija li tgħid:

*se tuttavia qualcuno, competente in questa materia e capace di*

71 OSCAR SAIER - KARL LEHMANN - WALTER KASPER, f'TIMOTHY BUCKLEY, 137.

*formarsi un giudizio personale ben stabilito - cose che presuppone necessariamente una informazione sufficiente – pervenisse su determinati punti, dopo un serio esame davanti a Dio, ad altre conclusioni, questi è legittimato a seguire in questo campo la sua convinzione, a condizione che rimanga disposto a continuare lealemnte le sue ricerche....si deve riconoscere secondo la dottrina tradizionale, che l'ultima regola pratica è dettata dalla coscienza doverosamente illuminata secondo tutti i criteri esposti dalla Gaudium et spes.*[72]

Probabilment ikun hawn min jargumenta li din il-pożizzjoni tippermetti l-arbitrarjeta tal-kuxjenza. Dan huwa minnu u huwa effettivament minħabba f'hekk li kull deċiżjoni fil-kuxjenza tal-koppja trid tkun meħudha fid-dawl ta' żmien ta' dixxerniment, akkumpanjament, penitenza u talb. Huwa fatt iżda, u dan il-morali Kattolika tikkonfermah, illi l-kuxjenza għandha l-aħħar kelma fid-deċiżjonijiet li jieħu l-individwu.

B'dan il-mod spjegat hawn fuq, il-Knisja filwaqt li tkun qegħda tippreserva t-tagħlim u d-duttrina dwar l-indissolubilita taż-żwieġ, tkun qegħda tattwa anke il-ħniena t'Alla u tabilħaqq turi li m'hemmx dnub li ma jistax jiġi maħfur.

72 JOHAN BONNY, 550.

## 9. Konklużjoni

Kif għandu għalhekk iġib ruħu Dun Kalanġ fil-konfront ta' Joseph? It-triqat huma tnejn u waħda ma teskludix lill-oħra. Fuq livell ta' *foro esterno* għandu jara jekk effettivament l-ewwel żwieġ ta' Joseph kienx validu jew le, filwaqt li fuq livell ta' *foro interno* joffri akkumpanjament lill-Joseph. F'dan l-akkumpanjament fuq livell ta' *foro interno,* Dun Kalanġ irid jgħin lil Joseph qabel xejn idewwi l-feriti tal-ħajja u jagħraf id-dnub li qiegħed iwettaq. Gradwalment għandu jgħin lil Joseph jimxi lejn l-ideal tal-vanġelu filwaqt li jurih li Alla huwa dejjem fidil u ħanin. Fl-aħħar wara żmien ta' talb, dixxerniment u penitenza, Dun Kalanġ għandu jgħin lil Joseph jasal għal deċiżjoni fil-kuxjenza dwar kif għandu jgħix ir-relazzjoni tiegħu ma Alla u l-Knisja fid-dawl tal-istat il-ġdid tiegħu.

Tajjeb illi fil-konfront tal-persuni mgħammdin, divorzjati u li jinsabu fit-tieni żwieġ, il-Knisja jkollha dejjem atteġjament ta' empatija u akkoljenza. Il-Knisja għandha tagħraf li qabel xejn ħafna drabi dawn huma nies feruti u li għandhom bżonn ta' min jgħinhom. Il-Knisja għandha tiftakar li qabel xejn in-nisrani, b'mod partikulari dak li jinsab fit-tieni żwieġ, ma huwiex għajr dak il-bniedem ferut, illi ta' kuljum ikompli l-pellegrinaġġ tiegħu lejn il-Missier – it-tabib li jfejjaq kull ferita.

F'dan id-dawl kemm hu għaqli l-kliem li jgħid il-Kardinal Kasper,

*the uniqueness of every person is a fundamental component of Christian anthropology. No human being is simply an instance of general human nature, and no human being can be judged only according to the general rule. Jesus never spoke of an 'ism', neither individualism, consumerism, capitalism, relativism and so on. In a parable Jesus spoke of the Good shepherd who leaves the ninety-nine sheep in order to seek the one sheep that went astray (Lk 15, 1-7). In other words there are not the divorced and remarried; rather, there are divorced and remarried individuals who are in very different situations, which one must carefully distinguish. There also is not the objective situaiton, which poses an obstacle to admission to communion, but rather many very different objective situations. Therefore, one may not proceed from a concept of the objective situation that has been reduced to one single point. Rather, we must seriously ask ourselves whether we really believe in the forgiveness of sins, which we indeed confess in the Creed, and whether we truly believe that someone who has made a mistake, regrets it, and cannot reverse it without incurring new guilt, but does everything that is possible for him – or herself, can obtain forgiveness from God and whether we then can deny absolution to him or her?*[73]

J'Alla iż-żmien li ġej ikun żmien ta' grazzja għall-Knisja sabiex tagħraf tpoġġi fil-prattika u tirrikonċilja l-ħniena u l-ġustizzja t'Alla flimkien mal-esiġenzi pastorali li qegħda tippreżentalha d-dinja tal-llum. Il-Knisja ma għandhiex tippretendi li jkollha soluzzjonijiet faċli u pre-konfezjonati għal din ir-realta komplessa tal-familji rregolari. Id-duttrina dwar l-indissolubilita taż-żwieġ m'għandhiex tkun sempliċi konklużjoni imma anzi l-punt tat-tluq li minnu titlaq ir-riflessjoni tal-Knisja dwar ir-realta ta' dawk l-insara ddivorzjati li qegħdin fit-tieni żwieġ. Il-Knisja għandha tagħmel kull mezz sabiex twassal lil dawn il-persuni sabiex jinħabbu b'rispett, paċenzja u mħabba dejjem aktar disinteressata, illi tqarribhom bl-aktar mod possibli lejn l-imħabba t'Alla u li tgħinhom sabiex jikbru fl-imħabba lejn l-ulied u l-proxxmu.

Tajjeb li l-Knisja żżomm f'moħħha dak li qal il-Papa Franġisku fl-omelija li

73 WALTER KASPER, *The Gospel of the family,* 46-47.

għamel dakinhar tal-konklużjoni tas-Sinodu straordinarju tal-Isfqijiet dwar il-familja. Huwa jgħid li quddiem din is-sitwazzjoni pastorali il-Knisja trid tirbaħ diversi tentazzjonijiet, fosthom:

1. *A temptation to hostile inflexibility, that is wanting to close oneself within the written word.*
2. *The temptation to a destructive tendency to dogoodism, that in the name of a deceptive mercy binds the wounds without first curing them and treating them.*
3. *The temptation to transform stones into bread to break the long heavy and painful fast (Lk 4, 1-4) and also to transform the bread into a stone and cast it against the sinners, the weak, and the sick (Jn 8,7).*
4. *the temptation to come down from the cross to please the people.*
5. *The temptation to neglect the depositum fidei, not thinking of themselves as guardians but as owners or masters. On the other hand the temptation to neglect reality making use of a language of smoothing to say so many things and to say nothing!*[74]

J'Alla dawn ikunu l-gwida tal-Knisja hija u tiddixxerni dwar kif għandha tibqa' twassal il-messaġġ ta' Kristu lill-familji tal-llum, b'mod partikolari lil dawk feruti u li ġarrbu l-falliment.

74 PAPA FRANĠISKU, *Diskors tal-għeluq tas-Sinodu Straordinarju tal-Isfqijiet dwar il-familja,* fit-*Tablet* (25 t'Ottubru 2014), 5.

## 10. Biblijografija

BONNY Johżn, *Cosa mi aspetto dal Sinodo?*, fir-*Regno* 17 (2014).

BUCKLEY Timothy, What binds marriage?, London 1997.

CAFARRA Carlo, Sacramental Ontology and the indissolubility, in ROBERT DODARO, Marriage and communion in the Catholic Church, San Francisco 2014.

CERETI Giovanni, Divorzi, nuove nozze e penitenza nella chiesa primitiva, Bologna 1977.

CERETI Giovanni, Il Vangelo della famiglia. La relazione Kasper e il dibattito sulla comunione ai divorziati risposti, fir-Regno 16 (2014).

DE PAOLIS Velasio, The divorced and civilly remarried, in ROBERT DODARO, Marriage and communion in the Catholic Church, San Francisco 2014.

FRANSEN, Piet Divorzio in seguito ad adulterio nel concilio di Trento, fil-Concilium 6/V (1970).

ĠWANNI PAWLU II, Eżortazzjoni Appostolika Familiaris Consortio 8, (22 ta' Novembru 1981): Enchiridion della famiglia e della vita, Belt tal-Vatikan 2014.

HARING Bernard, Assistenza Religiosa ai divorziati, fil-Concilium 6/V (1970).

HARING Bernard, Pastorale dei divorziati, Bologna 2013.

HEINRICH DENZINGER, Enchiridion symbolorum, San Franciso 2012.

KASPER Walter, *Indirizz lill-Konċistorju* (20 ta'Frar2014).

KASPER Walter, The Gospel of the family, New Jersey 2014.

KONĊILJU VATIKAN II, digriet Unitatis Redintegratio (21 ta' Novembru 1964), 8 : Dokumenti tal-Konċilju Ekumeniku Vatikan II, Malta 1982.

KONĊILJU VATIKAN II, Kostituzzjoni Patorali Gaudium et Spes 48, (7 ta' Diċembru 1965) : Dokumenti tal-Konċilju Ekumeniku Vatikan II, Malta 1982.

MULLER Gerhard Ludwid, *Testimony to the power of grace. On the indissolubility of marriage and the debate concerning the civilly remarried and the sacraments,* f' ROBERT DODARO, *Marriage and communion in the Catholic Church,* San Francisco 2014.

PALMIERI Andrea, *Il rito per le seconde nozze nella Chiesa greco-ortodossa,* Bari 2007.

PANI Giancarlo, *Matrimonio e seconde nozze al concilio di Trento,* fiċ-*Civilta Cattolica* IV (2014).

PAPA FRANĠISKU, Diskors tal-għeluq tas-Sinodu Straordinarju tal-Isfqijiet dwar il-familja, fit-Tablet (25 t'Ottubru 2014).

PETRA Basilio, Divorzio e seconde nozze nella tradizione Greca, Roma 2000.

SCHILLEBEECKX Edward, *Cristo Sacramento dell'incontro con Dio,* Torino 1994.

SCHILLEBEECKX Edward, Il matrimono. Realta terrena e mistero di salvezza, Roma 1980.

SCOLA Angelo, L'antropologia e l'eucaristia, fir-Regno 16 (2014).

SINODU STRAORDINARJU TAL-ISFQIJIET DWAR IL-FAMILJA, Relatio Synodi *Pastoral Challenges to the Family in the Context of Evangelization* 25, (18 ta' Ottubru 2014).

VAN DEL WAL N., *Aspetti dell'evoluzione storica nel diritto e nella dottrina. L'influenza del diritto profano sulla concezione ecclesiastica del matrimonio nell'oriente,* fil-*Concilium* 6/V (1970).